# It-Tielet Ħadd
# taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Fil-Galilija tal-ġnus, il-poplu ra dawl kbir.*

Is 8. 23b - 9, 3

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Isaija**

Alla [23]bħalma qabel fl-imgħoddi kien mela bl-għajb
l-art ta' Żebulun u l-art ta' Naftali,
hekk issa fl-aħħar isebbaħ it-triq tal-baħar
'l hemm mill-Ġordan, il-Galilija tal-ġnus.

[9,1]Il-poplu li kien miexi fid-dlam
ra dawl kbir;
in-nies li joqogħdu f'art id-dlam
dawl idda fuqhom.

[2]Int kattart il-ġens,
kabbart l-hena;
huma ferħu quddiemek,
bħalma jifirħu fi żmien il-ħsad,
bħalma jifirħu fi qsim il-priża.

[3]Għax il-madmad li kien itaqqlu,
u l-ħatar ta' fuq spallejh,
u l-bastun ta' l-argużin,
int kissirthom bħal f'jum Midjan.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 26 (27) 1.4.13-14

R/. (1a): Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi

1Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi;
minn min għandi nibża'?
Il-Mulej hu l-kenn tiegħi;
quddiem min għandi nitwerwer? R/.

4Ħaġa waħda tlabt lill-Mulej,
ħaġa waħda nfittex:
li ngħammar f'dar il-Mulej
tul il-jiem kollha ta' ħajti;
biex nitgħaxxaq bil-ħlewwa tal-Mulej
jien u nħares lejn it-tempju tiegħu. R/.

13Nemmen li għad nara t-tjieba tal-Mulej f'art il-ħajjin.
14Ittama fil-Mulej, żomm sħiħ u qawwi qalbek;
ittama fil-Mulej. R/.

# Qari II

*Aqblu fi kliemkom u ma jkunx hemm firdiet fostkom.*

1 Kor 1, 10-13.17

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

10 Nitlobkom, ħuti, f'isem Sidna Ġesù Kristu, biex tkunu taqblu fi
kliemkom u ma jkunx hemm firdiet fostkom. Kunu magħqudin kif
imiss, ħsieb wieħed u fehma waħda.

11 Ħuti, in-nies ta' Kloji qaluli fuqkom li fostkom hemm it-tilwim:
12 irrid ngħid jien, li kull wieħed minnkom qiegħed jgħid: «Jiena ta'
Pawlu,» «U jiena ta' Apollo,» «U jiena ta' Kefa,» «U jiena ta' Kristu.»
13 Jaqaw Kristu mifrud? Forsi Pawlu kien li ssallab għalikom jew
f'isem Pawlu tgħammidtu?

17 Kristu ma bagħatnix biex ngħammed iżda biex inxandar
l-Evanġelju, mhux bi kliem l-għerf sabiex ma jiġix fix-xejn is-salib ta'
Kristu.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

ara Mt 4, 23

Hallelujah. R/. Hallelujah
Ġesù xandar l-Evanġelju tas-Saltna,
u fejjaq kull xorta ta' mard fost il-poplu.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Ġie f'Kafarnahum, biex iseħħ dak li kien intqal mill-profeta Isaija.*

Mt 4, 12-23

## ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

[12]Meta Ġesù sama' li kienu arrestaw lil Ġwanni, warrab lejn
il-Galilija. [13]Telaq minn Nażaret u mar joqgħod Kafarnahum, qrib
il-baħar, fl-inħawi ta' Żebulun u Naftali, [14]biex hekk iseħħ dak li kien
ingħad permezz tal-profeta Isaija, meta qal:

[15]«Art ta' Żebulun, u art ta' Naftali,
it-triq tal-baħar, art 'il hemm mill-Ġordan, Galilija tal-ġnus!
[16]Il-poplu li kien qiegħed fid-dlam ra dawl kbir;
dawk li kienu f'art u dell il-mewt idda dawl għalihom.»

[17]Minn dak iż-żmien Ġesù beda jxandar u jgħid: «Indmu għax
is-Saltna tas-Smewwiet waslet.»

[18]Huwa u jdur ma' xatt il-baħar tal-Galilija lemaħ żewġt aħwa, Xmun
jgħidulu Pietru, u ħuh Indrì, qegħdin jixħtu x-xbiek fil-baħar, għax
kienu sajjieda. [19]U qalilhom: «Ejjew warajja, u nagħmilkom sajjieda
tal-bnedmin.» [20]U minnufih telqu x-xbiek, u marru warajh. [21]Wara
li mexa minn hemm ra żewġt aħwa oħra, Ġakbu ta' Żebedew u ħuh
Ġwanni, qegħdin fid-dgħajsa ma' missierhom Żebedew isewwu
x-xbiek tagħhom, u sejħilhom. [22]Minnufih telqu d-dgħajsa u lil
missierhom, u marru warajh.

[23]Ġesù dar il-Galilija kollha jgħallem fis-sinagogi tagħhom, ixandar
l-Evanġelju tas-Saltna u jfejjaq kull xorta ta' mard u dgħufija fost
il-poplu.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Tifħir lilek Kristu

*Jew il-forma l-qasira*

## Evanġelju

***Ġie f'Kafarnahum, biex iseħħ dak li kien intqal mill-profeta Isaija.***

Mt 4, 12-17

### ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Mattew

12 Meta Ġesù sama' li kienu arrestaw lil Ġwanni, warrab lejn
il-Galilija. 13 Telaq minn Nażaret u mar joqgħod Kafarnahum, qrib
il-baħar, fl-inħawi ta' Żebulun u Naftali, 14 biex hekk iseħħ dak li kien
ingħad permezz tal-profeta Isaija, meta qal:

15 «Art ta' Żebulun, u art ta' Naftali,
it-triq tal-baħar, art 'il hemm mill-Ġordan, Galilija tal-ġnus!
16 Il-poplu li kien qiegħed fid-dlam ra dawl kbir;
dawk li kienu f'art u dell il-mewt idda dawl għalihom.»

17 Minn dak iż-żmien Ġesù beda jxandar u jgħid: «Indmu għax
is-Saltna tas-Smewwiet waslet.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu